**Waħdi fil-Kappella**

Waħdi fil-Kappella
Fejn soltu tkun bin-nies,
Illum tarani Malta
Tant viċin il-Milied.

Fis-skiet għall-quddies
Imħejji kif imiss,
Taqta' r-riħ ivenven
Bħalissa jagħmel spiss.

Hawn, fil-ħemda nisma'
Lil Ġesù fil-proxxmu,
Li fi ftit jiem oħra
Se jiġi ħa nżommu.

F'għajri l-batut, marid
Dak li m'għandux x'jiekol,
Inħossu jgħidli biex
Niftaħlu ħa jidħol.

Kemm ġid isir fis-skiet
Bgħid mill-frattarija,
Kristu qed jinstema
B'qawwa u tjubija.

Sebħ lil Alla l-għoli
Għal dal-baħar ta' ġid,
Li ġej minn dil-Kurja
Ta' faraġ u tiġdid.

Hekk il-Mulej f'nofsna
Jibqa' iħobb kull ħin,
Dal-messaġġ jagħtina
Ta' Betlem il-Bambin.

Patri Mario Attard OFM Cap
23 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.